

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża, minn naħa, għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2017) 900 finali, tat-8 ta' Frar 2017, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE (Każ AT.40018 – Riċiklaġġ tal-batteriji tal-karozza), kif rettifikata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2017) 2223 finali tas-6 ta' April 2017, u, min-naħħa l-oħra, għat-tnaqqis tal-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) Eco-Bat Technologies Ltd, Berzelius Metall GmbH u Société traitements chimiques des métaux (STCM) huma kkundannati għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 318, 25.9.2017.

Digriet tal-Qorti ġenerali tal-21 ta' Marzu 2018 – UD vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-574/17) ⁽¹⁾

(“Servizz pubbliku — Benefiċjarju ta’ pensjoni tas-superstitioni — Sigurtà soċjali — Ċaħda ta’ talba għal awtorizzazzjoni minn qabel intiża sabiex jinkiseb ir-imbors ta’ ċerti spejjeż mediċi — Talba ġidida — Att puramente konfemmativ — Terminu għall-preżentata ta’ rikors — Inammissibbiltà”)

(2018/C 182/27)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: UD (rappreżentanti: S. Orlandi u T. Martin, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: T. Bohr u M. Mensi, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirrifjuta li tagħti lir-rikorrenti l-awtorizzazzjoni minn qabel sabiex tikseb ir-imbors ta’ ċerti spejjeż mediċi.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) UD hija kkundannata tbat i-l-ispejjeż tagħha stess kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU C 369, 30.10.2017.

Rikors ippreżzentat fl-24 ta’ Jannar 2018 – Giove Gas vs EUIPO – Primagaz (KALON AL CENTRO DELLA FAMIGLIA)

(Kawża T-34/18)

(2018/C 182/28)

Lingwa tar-rikors: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Giove Gas Srl (Tarquinia, l-Italja) (rappreżentanti: A. Bergonzini u F. Dinelli, avukati)